Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 427 / 2017

Il-Pulizja

Vs

David Farrugia

Illum 22 ta' Marzu, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat David Farrugia detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 288985 M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-22 ta' Gunju 2017 ghall-habta ta' 13:30 hrs gewwa Vjal Blue Grotto, Zurrieq:

(1) Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq Warden G 725 Joel D' Emanuele persuna inkarigata skond il-ligi min servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(2) Ikkaguna lil Warden G 725 Joel D' Emanuele biza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti tieghu, meta hu kien

jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Warden G 725 Joel D' Emanuele biza.

Il-Qorti giet mitluba jekk issib l-imputat hati tapplika l-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' ta' Warden G 725 Joel D' Emanuele.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti Rat l-Artikoli indikati u cioe' Artikolu 95 u Artikolu 251 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-ewwel (1) akkuza giet ippruvata sabet lill-imputat David Farrugia hati tal-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 illiberatu bla kundizzjoni u multa ta' tmien mitt ewro (€ 800), filwaqt li illiberatu mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant David Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni akkuza, tikkonfermaha wkoll f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza u fl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, thassarha f' dik il-parti fejn gie kkundannat ihallas multa ta' tmien mitt (800) Ewro, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi in effetti huwa ghal kollox car illi l-Ewwel Qorti tat zewg forom ta' sanzjonijiet li huma kompletament konflingenti u li jikkontrastaw lil xulxin bl-aktar mod

inekwivoku, stante li filwaqt li permezz ta' dak ravvizat fl-artikolu 22 tal-Kap. 44 tal-Ligijiet ta' Malta, minkejja s-sejbien ta' htija, l-esponent gie lliberat mill-piena stante li saru konsiderazzjonijiet partikolari li f' dan il-kaz, jimmanifestaw bl-aktar mod car li s-sitwazzjoni partikolari tal-kaz ma kienitx timmerita aktar minn dan. Madanakollu, l-istess Qorti mbaghad applikat ukoll il-piena stabbilita bl-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jidher car ghalhekk li l-Qorti, filwaqt illi rrikonoxxiet il-fatt li l-gwardjan in kwistjoni deher li ma xtaqx jew li ma kellux interess fl-applikazzjoni tas-sanzjoni ravvizata fl-artikolu 95 tal-Kap. 9, u konsegwentement l-Ewwel Qorti ghazlet li tillibera minghajr kondizzjoni, giet applikata wkoll forma ta' sanzjoni ghal kollox kontrastanti li bid-dovut rispett, ma setghet qatt tigi applikata ladarba l-imputat odjern gie lliberat fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in oltre, dan jinghad fl-isfond tal-fatt illi l-imputat odjern huwa meqjus *a first time offender* li naturalment mghandu l-ebda antecedent, bniedem biezel li jahdem u jistinka fin-negozju tieghu u li zgur li incidenti bhal dan huma barra min-natura tieghu. Kien proprju ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti fehmet dan illi giet applikata s-sanzjoni kkontemplata fl-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sanzjoni intiza sabiex filwaqt illi tirrikonoxxi s-sejbien ta' htija, ma tapplikax il-piena stabbilita ghar-reat in dezamina, hekk kif ghazlet li taghmel l-Ewwel Qorti, fil-fehma tal-imputat, b' mod erroneju.

Illi fic-cirkostanzi l-imputat jissottometti illi ghar-ragunijiet hawn esposti, hemm lok illi l-piena tigi riveduta sabiex filwaqt illi tinzamm ferm id-dikjarazzjoni ta' htija tal-Ewwel Qorti, jigi kkonfermat l-applikazjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi ma tigix umbaghad applikata dik il-parti tal-piena fejn l-imputat gie kkundannat ghal hlas ta' multa ta' tmien mitt (800) Ewro.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma ta'l-appellanti l-istess mhijiex konformi mal-ligi stante illi meta l-Ewwel Qorti iddecidiet li tilliberah minghajr kundizzjoni u dan bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, hija kienet imbaghad prekluza milli tinfliggi il-multa ta' 800 ewro li hija l-piena mahsuba ghar-reat li dwaru huwa instab hati u cioe'

dak mahsub fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9. Din fil-fehma ta'l-appellanti hija kontradizzjoni legali.

Illi l-appellanti gie misjub hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali liema reat igorr is-segwenti piena:

***"il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)."***

Illi l-piena stabbilita ghar-reat tat-theddid jew ghal dik ta'l-offiza mizjuda b'zewg gradi hija indubbjament piena ta' prigunerija. Issa l-Ewwel Qorti meta giet biex teroga il-piena ghar-reat hawn fuq imsemmi applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr kundizzjoni, izda ghaddiet ukoll biex tinfliggi il-piena tal-multa ta' 800 ewro, x'aktarx ghaliex il-piena mahsuba ghar-reat tal-offiza fuq ufficjal pubbliku, bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att V tal-2015, iggorr il-multa bhala piena tassattiva u addizjonali ghal dik tal-prigunerija.

L-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imbaghad, jaghti lil kull min hu imsejjah biex jiggudika l-jedd li japplika piena alternattiva ghal dik stabbilita ghar-reat li dwaru tkun instabet htija u dan meta r-reat ma ikunx punibbli biss b'multa jew ammenda jew ma ikunx reat li igorr mieghu piena li teccedi is-sebgha snin prigunerija. L-artikolu 22 imbaghad izid illi l-applikazzjoni ta' Ordni ta' liberta inkondizzjonata jew kondizzjonata ghandha issir biss meta il-Qorti tkun tal-fehma li, "**<u>fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena.</u>**"

Dan ifisser konsegwenzjalment illi gjaldarba l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha tapplika il-provvediment ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod inkondizzjonat, allura imbaghad kienet prekluza milli timponi il-multa ta' 800 ewro billi l-applikazzjoni ta' dik id-disposizzjoni tal-ligi ghandha issir meta l-Qorti jkun jidhrilha illi ghandha tapplika din is-sanzjoni minflok il-piena prevista ghar-reat li dwaru tkun instabet htija. Illi allura l-appellanti ghandu ragun ghaliex meta l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha taghmel ordni li permezz tieghu illiberat lill-appellanti

minghajr ebda kundizzjoni, allura imbaghad kienet prekluza milli timponi l-piena mahsuba ghar-reat li dwaru instabet htija. Mhux biss izda l-artikolu 25 tal-Kap.446 jiddelinja dawk ic-cirkostazni fejn il-Qorti tista' tghaddi sabiex taghti sanzjonijiet ohra meta issir l-ordni kif mahsub taht l-artikolu 22, bil-multa kif imposta mill-Ewwel Qorti mhijiex inkluza f'dawk ic-cirkostanzi hemmhekk imsemmija. Dan ghaliex, kif jiddisponi l-artikolu 25 ordni bhal din fl-ebda cirkostanza, hlief, kif inghad, dawk elenkati f'din id-disposizzjoni tal-ligi, ma ghandha titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn hija sabet htija ghall-ewwel imputazzjoni u illiberat lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni, tikkonfermaha ukoll fejn gie applikat il-provvediment ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod inkondizzjonat fil-konfront ta'l-istess appellanti, izda thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni fejn l-appellanti gie ikkundannat ghal hlas tal-multa ta' 800 ewro.

Edwina Grima
Imhallef